ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)    IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 39          IT-TNEJN, 5 TA' FRAR 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ħdax Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier (attenda fis-7.15pm)
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**39/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**39/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** spjega li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**39/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 38**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 38 li nżammet nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2018, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsillier (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 38 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**39/02/02 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' li nżammet nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2018, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsillier (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**39/03 MISTOQSIJIET LIS-SINDKU**

Ma kienx hemm mistoqsijiet lis-Sindku.

**39/04 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**39/04/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippreżenta qafas ta' Programm ta' Jum Ħal Qormi li jinkludi ġimgħa ta' attivitajiet fosthom l-inawgurazzjoni tall-monument ta' Ġorġ Hyzler, l-inawgurazzjoni tar-restawr tat-Tribuna ta' Pinto u attivitatjiet oħrajn minn għaqdiet lokali. Barraminhekk ser jsiru sett ta' bolol kommemorattivi fl-okkażjoni tal-275 sena anniversarju minn meta Ħal Qormi ingħata d-digriet ta' Belt mill-Gran Mastru Pinto. Il-Kunsill approva *nem.con* dan il-qafas ta' programm. **DOK 'A1'**

**39/04/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li f'laqgħa li kellu l-Kunsill u li għalih kienu mistiedna l-kunsilliera kollha, is-Segretarju Parlamentari għall-Housing spjega li l-Gvern għandu l-ħsieb li l-art tal-gvern li hemm fi Triq il-Belt Valletta tiġi żviluppata fi proġett ta' Housing. Fil-passat dan il-proġett kien oġġezzjona għalih il-Kunsill Lokali u għaldaqstant is-Segretarju Parlamentari xtaq li jinstab kompromess. Il-Kunsill saqsa dwar il-possibilita' li l-proġett ikun jinkludi sular bħala Dar għall-anzjani żgħira kif ukoll child care centre. Is-Segretarju Parlamentari se jkun qed jiċċekkja mal-periti dwar din il-possibilita' u jinfurma lill-Kunsill lura.

**39/04/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq abboz ta' kuntratt mal-kumpanija Ozone li offriet servizz ta' WIFI b'xejn f'ħames postijiet (Ġnien iż-Żgħożija, Ġnien il-Funtana, Ġnien Ġorġ Hyzler, Ġnien Tumas Fenech, Ġnien iż-Żebbuġa). Il-Kunsill approva *nem.con.* **DOK "A2"**

**39/04/04** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mingħand Munch and Crunch fejn talbu li l-Kunsill jipprovdi kamra biex ikunu jistgħu jużawha għal *storage*. Il-Kunsill irid jara jekk hux se jkun hemm spazju u jekk fl-affirmattiv, il-Kunsill ikun lest li jgħin u jipprovdih lil Munch and Crunch.

**39/04/05** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mingħand is-Soċjeta Filarmonika Pinto dwar għajnuna biex tiġi organizzata attivita' fil-Karnival ladarba l-Kunsill mhux se jkun qed jorganizza attivitajiet fil-Karnival. Il-Kunsill qabel unanimament li minħabba li hemm attivitajiet ġa stabbliti ma' għaqdiet f'kuntratti, il-Kunsill ma jistax jgħin għax ikun qed joħloq preċedent. **DOK 'A3'**

| | | |
|---|---|---|
| **39/04/06** | **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li sirna nafu b'applikazzjoni ta' bini ta' blokka kummerċjali ta' tlettax-il sular fi Triq l-Erba' Qaddisin u l-Kunsill diġa issottometta l-oġġezzjoni tiegħu għalkemm l-applikazzjoni għadha ma ġietx ppublikata. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill għandu jibqa' joġġezzjona għal dan il-bini li ser jkun qed joħloq sfreġju ambjentali minħabba l-għoli tiegħu kif ukoll minħabba l-impatt fit-traffiku li se jkun qed joħloq. **DOK 'A4'** | |
| **39/04/07** | **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippropona biex jinħarġu default notices lill-kuntrattur taż-żamma ta' latrini pubbliċi fi Pjazza Narbona, lill-kuntrattur tat-tindif mhux urban, u lill-kuntrattur tat-tindif ta' toroq (sezzjoni B) minħabba nuqqasijiet regulari. **DOK 'A5'** | |
| **39/04/08** | **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ġibed l-attenzjoni dwar il-konka li hemm quddiem is-Santwarju tal-Madonna f'Tal-Ħlas li ġarbet ħsarat kbar u li din tinsab perikoluża għas-sewwieqa u li peress li s-siġra li kien hemm fiha mietet u tneħħiet, il-Kunsill jista' jikkunsidra t-tneħħija tagħha. Il-Kunsill qabel unanimament biex iqabbad lill-perit biex jipproponi alternattivi għal din il-konka. **DOK 'A6'** | |
| **39/04/09** | **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mis-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici dwar tournament ta' snooker biex ikun parti mill-Programm ta' Jum Ħal Qormi. Il-Kunsill approva nem.con. **DOK 'A7'** | |
| **39/04/10** | **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mill-Uffiċċju Parrokjali dwar talba ta' żewġ bollards tal-ġebel tal-qawwi fi Triq San Ġorġ. Il-Kunsill approva *nem.con*. **DOK 'A8'** | |
| **39/04/11** | **IL-Kunsillier Robert Reno Cremona attenda f'dan l-istadju tal-laqgha fis-7.15pm**. | |

**39/05 RAPPORTI**

**39/05/01 APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI ANNWALI 2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan id-dokument għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan l-Estimi

Annwali qed jistma li jħalli Surplus ta' Eur87,675 u Net Current Assets ta' Eur 459,830. **DOK 'B'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex l-Estimi Annwali 2018 jiġi approvat.

**Il-Kunsilier Marvin Zammit** issekonda.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il** Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**39/05/02 APPROVAZZJONI TAL-PJAN TA' ĦIDMA 2018-2020**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan id-dokument għall-approvazzjoni tal-Kunsill. **DOK 'C'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex l-Pjan ta' Ħidma 2018-2020 jiġi approvat.

**Il-Kunsilier Marvin Zammit** issekonda.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il** Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**39/06 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**39/06/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: SERVIZZ TA' AVUKAT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq id-dokument tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill .

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex jiġi approvat ir-Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord fl-għoti tal-Offerta.

**Il-Kunsililer Ralph Puli** issekonda.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il** Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**39/06/02 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: SERVIZZ TA' ĠBIR TA' SKART IMĦALLAT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq id-dokument tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill .

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex jiġi approvat ir-Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord fl-għoti tal-Offerta.

**Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il** Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**39/06/03 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: SERVIZZ TA' TINDIF TA' ZONA MHUX URBANA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq id-dokument tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill .

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex jiġi approvat ir-Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord fl-għoti tal-Offerta.

**Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il** Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament. Peress li r-rakkomandazzjoni hija li l-offerta tiġi kkanċellata, il-Kunsill se jinfurma lill-offerenti u jikkanċella l-offerta. Offerta ġdida bi speċifikazzjonijiet differenti għandha toħroġ immedjatament wara.**

**39/06/04 RAPPORT MILL-KUNSILLIERA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-kunsilliera biex permezz ta' din il-materja, l-Kunsilliera jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** informa lill-kunsilliera li f'laqgħa li kellu ma' Transport Malta dwar it-trasport pubbliku, irrimarkajna il-bżonn li Rotta 61 tkun aktar frekwenti peress li filgħodu qed tgħaddi mimlija u jkun hemm ħafna nies li jitħallew jistennew fuq l-istages fi Triq il-Vitorja. Il-proposta hija li tinbidel ir-rotta 63 biex din tibda tgħaddi minn Triq il-Vitorja ħalli f'każ li r-rotta 61 ma tkunx għabbiet lil dawn in-nies, jkun hemm rotta oħra li tagħti servizz. Il-Kunsill se jkun qed jistudja din il-possibilta' u jgħaddiha lil Transport Malta.

**F'dan l-istadju (7.45pm) il-Kunsillier Daniel Bugeja talab li jkun skużat.**

**39/07 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' JANNAR 2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2018, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'D1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Jannar 2018
**b)** *Bank Payments* Jannar 2018
**c)** *Petty Cash* Jannar 2018

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**39/08 MOZZJONIJIET**

**39/08/01 MOZZJONI 71/2018 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi li Gieh Ħal Qormi ta' din is-sena jingħata lil Imħallef Robert Mangion.*

*L-Imħallef Robert Mangion, Qormi ta' 56 sena, maħtur imħallef f'Mejju ta' 2012. Gradwat fid-Dottorat tal-Liġijiet fl-1986 u kien qed jipprattika l-professjoni ta' avukat legali għall-aħħar 25 sena li jispeċjalizzaw fil-liġi ċivili, liġi tal-familja u liġi kummerċjali. Fl-1991 inħatar president tal-Kummissjoni għall-Impjiegi, kummissjoni stabbilita taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta, kariga li okkupa għal disa' snin konsekuttivi. Fl-2003 kien elett President tal-Kamra tal-Avukati u reġa' ġie elett għal terminu ieħor ta 'sentejn fl-2005, kif ukoll ex-officio membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja bejn l-2003 u l-2006. L-Imħallef kien l-avukat tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi.*

*Huwa miżżewweġ lil Rita nee Bianco, li miegħu għandu erba tfal.*

**DOK 'E1'**

**Il-Kunsilliera kollha preżenti** ssekondaw din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 71/2018.

**39/08/02** **MOZZJONI 72/2018 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*B'kontinwazzjoni ta' mozzjoni 65/2017, fejn il-Kunsill approva li jibda l-proċess għal xiri ta' garaxx,*

*Wara li saret evalwazzjoni mill-perit tal-Kunsill li l-valur mitlub huwa wieħed skont is-suq,*

*Wara li inkiseb il-permess mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex il-Kunsill jipproċedi bl-iffirmar tal-konvenju suġġett għall-approvazzjoni tagħhom u tal-Ministeru tal-Finanzi tas-self,*

*Nipproponi biex il-Kunsill jixtri il-garaxx li jinsab fil-fond nurmu 140, Triq San Edwardu bil-prezz ta' Eur221,000*

*Nipproponi ukoll biex il-Kunsill jitlob self mingħand bank lokali is-somma ekwivalenti ta' 90% tal-valur filwaqt li l-Kunsill jifdi s-self ezistenti sal-aħħar ta' 2018.*
*.*

**DOK 'D2'**

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 72/2018.

**39/08/03** **MOZZJONI 73/2018 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

Peress li illum il-ġurnata l-midja stampata qed titlef l-importanza tagħha ħdejn l-midja soċjali

Peress li l-fuljett id-Dielja tilef il-popolarita' tiegħu u qed ikun aktar mezz ta' riklamar milli mezz ta' relazzjonijiet pubbliċi tal-Kunsill

Nipproponi biex il-Kunsill joħroġ sejħa ta' proposti ta' relazzjonijiet pubbliċi dwar is-servizzi u l-ħidma tal-Kunsill.

**DOK 'E3'**

**Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 73/2018.

**39/08/04 MOZZJONI 74/2018 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Peress li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ppubblika linji gwida ġodda dwar ir-regolamenti tal-akkwist li huma effettivi għall-offerti li jiġu ppubblikati mill-1 ta' Jannar 2018*

*Peress li l-istess linji gwida jistipulaw li kunsilliera ma jistgħux jagħmlu parti mill-evalwazzjoni*

*Nipproponi biex il-Kunsill jifforma Kumitat tal-Aġġudikazzjoni kif ġej:*

*Chairperson (non-voting): Jesmond Aquilina jew Kunsillier li jiddelega s-Sindku*

*Bord: Avukat tal-Kunsill (f'każ ta' tender ta' avukat jitqabbad avukat indipendenti mis-Segretarju Eżekuttiv)*
*Accountant tal-Kunsill (f'każ ta' tender ta' accountant jitqabbad accountant indipendenti mis-Segretarju Eżekuttiv)*
*Persuna teknika (Perit tal-Kunsill jew Contracts Manager jew persuna teknika oħra magħżula mis-Segretarju Eżekuttiv jiddependi mill-ġeneru tal-offerta)*

**DOK 'E4'**

**Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 74/2018.

**39/09 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar il-Ġimgħa 16 ta' Frar 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:20 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Jesmond Aquilina | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 16 ta' Frar 2018.**